Illi fl-Avviż s-soċjeta attriċi talbet li l-konvenut jiġi kkundannat iħallas is-somma ta' Lm1,178.75 (€2,745.75) rappreżentanti l-prezz ta' żewġ air conditioners li nxtraw fuq inkarigu tal-konvenut u stallat fuq struzzjonijiet tal-konvenut fil-fond 504, Tignè Place, Tignè Street, Sliema.

Illi fir-risposta l-konvenut sostna li sar l-pagament.

Illi b'sentenza datat 21 ta' Marzu 2006, it-Tribunal Għal Talbiet Żgħar, it-Tribunal laqa' t-talba u kkundanna lil konvenut iħallas Lm1,178.75 (€2,745.75) bl-interessi u bl-ispejjeż .....Omissis.....

Illi l-fatti huma fil-qosor li l-konvenut talab lill-attriċi sabiex issiblu lil xi ħadd li huwa lest jagħmel stallazzjoni ta' żewġ airconditioners fil-flat tiegħu.

Illi Proinvest Limited kienet ikkuntattjat lil Blye Engineering li għamlet delivery u stallazzjoni ta' l-airconditioners. Illi Blye bagħtu kont lil Agius. Agius irifjuta li jħallas għax qal li hu qabbad lil Proinvest Ltd. Blye ottjenew sentenza fil-konfront ta' Mark Micallef (direttur ta' Proinvest Limited) għall-ammont ta' Lm1,178.75 (€2,745.75)

It is hereby notified that the Court of Appeal by means of a decree given on the 1st March 2007, in the records of the Notice No. 2107/2004 PBC, in the names Proinvest Limited (C 25318) vs Giljan sive Julian Agius, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of an Application, filed in the Court of Appeal on the 5th April 2006, in the names Proinvest Limited (C 25318) vs Giljan sive Julian Agius, the applicant Proinvest Limited, pleaded with respect;

That in the Notice the plaintiff company asked that the defendant be condemned to pay the sum of Lm1,178.75 (€ 2,745.75) representing the price of two air conditioners which were bought following the demand of the defendant and installed following instructions of the defendant in the premises 504, Tignè Palace, Tignè Street, Sliema.

That in the reply the defendant upheld that payment was made.

That by a judgement dated 21st March 2006, The Small Claims Tribunal, upheld the demand and condemned the defendant to pay Lm1,178.75 (€2,745.75) with interest and with costs .....Omissis.....

That the facts in short are that the defendant asked the plaintiff to find him someone who is ready to make the installation of two airconditioners in his flat.

That Proinvest Limited had contacted Blye Engineering who made the delivery and installation of airconditioners. That Blye sent a bill to Agius. Agius refused to pay because he said that he appointed Proinvest Limited. Blye obtained a judgement against Mark Micallef (Director of Proinvest Limited) for the amount of Lm1,178.75 (€2,745.75)

Proinvest għalhekk qiegħda titlob li titħallas dan l-ammont ta' Lm1,178.75 (€2,745.75) sabiex tkun tista' tħallas lil Blye.

L-aggravju huwa manifest u jikkonsisti fil-fatt li

a) ma teżisti ebda kawża fl-ismijiet inversi.

b) ma hemm ebda raġuni għaliex Proinvest Limited trid tistenna sabiex titħallas.

ċ) dawn l-airconditioners ilhom qed jiġu użati mill-konvenut mill-2001.

d) l-unika eċċezzjoni tal-konvenut hija li sar il-ħlas, liema ħlas qatt ma ġie ppruvat.

e) fil-kawża l-konvenut ma ppreżenta ebda evidenza li tiġġustifika d-deċiżjoni tat-tribunal li s-soċjetà attriċi għandha tistenna xi eżitu ta' kawża oħra.

f) Billi ma teżistix kawża fl-ismijiet inversi bħala fatt is-sentenza ma tagħmilx sens.

Għaldaqstant Proinvest Limited titlob li dina l-Onorabbli Qorti tikkonferma s-sentenza fejn laqgħet it-talba attriċi u kkundannat lil konvenut sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi l-ammont ta' Lm1,178.75 (€2,745.75) bl-ispejjeż u mgħax u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza li tobbliga lis-soċjetà attriċ i biex tistenna l-eżitu ta' kawża oħra. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut.

Rik: Proinvest Limited 5, Sunvalley Flats, Msida Valley Road, Birkirkara BKR 13.

Notifika: Giljan Agius, 164, Flat 21, Tower Road, Sliema.

Reġistru tal-Qorti Superjuri (Appelli Inferjuri) (Appelli ASCT), illum 13 ta' April 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Proinvest is thus demanding that it be paid this amount of Lm1,178.75 (€2,745.75) so that it may pay Blye.

The grievance is manifest and consists in the fact that

a) there exist no cause in inverse names.

b) there is no reason why Proinvest Limited has to wait to be paid.

c) these airconditioners have been used by the defendant since 2001.

d) the only plea of the defendant is that payment was made which payment was never proved.

e) in the cause the defendant did not provide evidence which justifies the decision of the tribunal that the plaintiff company is to await any the conclusion of any other cause.

f) as no case in the inverted names exists as a fact the judgement does not make sense.

Thus Proinvest Limited prays that this Honourable Court confirms the judgement whereby it upheld the plaintiff's claims and condemned the defendant to pay the plaintiff company the amount of Lm1,178.75 (€2,745.75) with costs and interests and revokes that part of the judgement which binds the plaintiff company to await the conclusion of another case. With costs against the defendant.

Applicant: Proinvest Limited 5, Sunvalley Flats, Msida Valley Road, Birkirkara BKR 13.

Notify: Giljan Agius, 164, Flat 21, Tower Road, Sliema.

Registry of the Superior Courts (Inferior Appeals) Appeals ASCT) today 13th April 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

568

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fis-27 ta' Frar 2007, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali Nru 6738/06, fl-ismijiet Fogg Insurance Agencies Ltd vs Raymond Cuschieri, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-1 ta' Settembru 2006, lil Raymond Cuschieri, Small, Triq San Ġwann, Għargħur, Fogg Insurance Agencies Limited (C 597) ta' Britannia House, Old Bakery Street, Valletta, fil waqt illi tagħmel riferenza għall-ittra uffiċjali tiegħek datata 26 ta' Lulju 2006, lilha notifikata, b' riferenza għall-inċident awtomobilistiku illi seħħ fit-22 ta' April 2006, għall-ħabta ta' 6.03 p.m., fil-Mosta, u li kien jinvolvi lil Matthew Busuttil, ta' 112, Mencara, Triq San Filippu, Għaxaq, tinformak għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Liġi, illi l-imsemmi xufier qatt ma ressaq claim riferibbilment

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 27th February 2007, in the records of the judicial letter number 6738/06, in the names Fogg Insurance Agencies Ltd vs Raymond Cuschieri, ordered the following publication for the purpose of service of the defendant in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Court of Magistrates (Malta) on the 1st September 2006, against Raymond Cuschieri, Small, San Gwann Street, Għargħur, Fogg Insurance Agencies Limited (C 597) of Britannia House, Old Bakery Street, Valletta, whilst referring to the your judicial letter of the 26th July 2006, notified to them, with reference to the car accident which occurred on the 22nd April 2006, roundabout 6.03 p.m., in Mosta, and which involved Matthew Busuttil of 112, Mencara, San Filippu Street, Għaxaq, informs you for all intents and purposes of Law, that the said driver never brought forward a claim relating to

għal dan l-inċident u kwindi l-mittenti mhix f'pożizzjoni illi twieġeb għall-interpellazzjoni minnek magħmula, ħlief ai termini ta' l-Artikolu 15 tal-Kap. 104, tal-Liġijiet ta' Malta, u f'dan ir-rigward qiegħda titolbok illi tgħaddilha d-dokumentazzjoni u r-riċevuti kollha relattivi, sabiex wara illi jsiru l-proċeduri meħtieġa ai termini ta' l-imsemmija dispożizzjoni, ikun jista' jsir il-pagament relattiv lilek.

Dina l-ittra uffiċjali qiegħda ssir għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Liġi u senjatament tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tant biex tagħraf tirregola ruħek.

Mittenti: Britannia House, Old Bakery Street, Valletta.

Intimat: Small, Triq San Ġwann, Għargħur.

Notifika: Matthew Busuttil, 112, Mencara, Triq San Filippu, Għaxaq.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 13 ta' April 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Registratur, Qrati Ċivili u Tribunali

the incident and thus the interpellant is not in a position to reply to the calling made by you, except in terms of Article 15 of Chapter 104 of the Laws of Malta, and in this regard you are being asked to pass all the documentation and relative receipts, so that after the necessary procedures in terms of this disposition are made, the relative payment may be made to you.

This judicial letter is being made for all intents and purposes of Law and especially Cap. 104 of the Laws of Malta.

So much so that you may know how to regulate yourselves.

Interpellant: Britannia House, Old Bakery Street, Valletta.

Respondent: Small, San Ġwann Street, Għargħur.

Notify: Matthew Busuttil, 112, Mencara, San Filippu Street, Għaxaq.

Registry of the Magistrates Courts (Malta) today 13th April 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

569

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM AWLA fid-9 ta' April, 2007 fuq rikors ta' DAVID CARUANA ET ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 8 ta' Mejju, 2007 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tal-1 ta' Frar, 2007 li għandu jsir FIL-KURIDURI TAL-QRATI TAL-ĠUSTIZZJA, TRIQ IR-REPUBBLIKA, VALLETTA tal-fond hawn taħt deskritt.

l-fond bla numru, magħruf bl-isem "Perugina", Triq il-Lampara, Baħar iċ-Ċagħaq, limiti tal-Għargħur, libera u franka, stmat li jiswa' Lm70,000.00 (€163,056).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' PAUL CUSCHIERI.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-A.I.C. Mario Cassar fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fil-31 ta' Jannar, 2007.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tlieta, 10 ta' April, 2007.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 9th April, 2007 on the application of DAVID CARUANA ET, Tuesday, 8th May, 2007 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 1st February, 2007 to be held IN THE CORRIDORS OF THESE COURTS of the following property.

Unnumbered tenement known as "Perugina", Triq il-Lampara, Baħar iċ-Ċagħaq, limits of Għargħur, free and unencumbered, valued at Lm70,000.00 (€163,056).

The said tenement is the property of PAUL CUSCHIERI.

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn to by Mario Cassar A & CE on 31st January, 2007.

Registry of the Superior Courts, this Tuesday, 10th April, 2007.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

570

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM AWLA fl-1 ta' Marzu, 2007 fuq rikors ta' HSBC BANK MALTA PLC ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 10 ta' Mejju, 2007 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet ta' l-1 ta' Marzu, 2007 li għandu jsir fil-kuriduri ta' dawn il-Qrati tal-proprjetà hawn taħt deskritta.

1. Il-garaxx bin-numru ħdax (11) f' Triq il-Gudja, Ħal Għaxaq, liberu u frank, stmat li jiswa Lm80,000.00 (€186,349.87).

2. Il-fond bin-numru tnax (12) bl-isem "Reece", inkluża l-arja, f'Triq Gudja, Ħal Għaxaq, soġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' Lm9 (€20.96), stmat li jiswa Lm120,000.00 (€279,524.81).

3. L-għalqa magħrufa bħala "Tax-Xieref", Ħal Għaxaq tal-kejl ta' ċirka tmint elef tmien mija u għaxar (8,810) metri kwadri, kif soġġetta għaċ-ċens annwu u perpetwu totali ta' Lm4.667 (€10.87) smata li tiswa Lm90,000.00 (€209,643.61).

4. It-terran bin-numru mija u tnejn u sebgħin (172) ġa mija u sittax (116), fi Triq il-Foss, Paola, sottostanti għall-proprjetà ta' terzi, liberu u frank, stmat li jiswa Lm25,000.00 (€58,234.33).

L-imsemmija fondi huma proprjetà ta' GUIDO U CARMEN KONJUGI AGIUS.

N.B. L-imsemmija fondi jinbiegħu bħalma ġew deskritti mill-A.I.C. Godwin Abela fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fl-24 ta' Lulju, 2006.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ħamis, 12 ta' April, 2007.

CLAIRE SEVASTA, B.A. (HONS)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 1st March, 2007 on the application of HSBC BANK MALTA PLC, Thursday, 10th May, 2007 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 1st March, 2007 to be held in the corridors of these Law Courts of the following property.

1. The garage numbered eleven (11) in Gudja Road, Għaxaq, free and unencumbered, valued at Lm80,000 (€186,349.87).

2. The tenement numbered twelve (12) named 'Reece', including its airspace, in Gudja Road, Għaxaq, subject to the annual and perpetual groundrent of Lm9 (€20.96) valued at Lm120,000.00 (€279,524.81).

3. The field known as "Tax-Xieref", Għaxaq having a superficial surface area of circa eight thousand eight hundred and ten (8,810) meters squared, as subject to the total annual and perpetual ground rent of Lm4,667 (€10.87), valued at Lm90,000.00 (€209,643.61).

4. The ground floor maisonette numbered one hundred and seventy two (172) previously one hundred and sixteen (116) in Triq il-Foss, Paola, underlying third party property, free and unencumbered, valued at Lm25,000.00 (€58,234.33).

The said tenement is the property of GUIDO AND CARMEN AGIUS.

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn by A.I.C. Godwin Abela on 24th July, 2006.

Registry of the Superior Courts, this Thursday, 12th April, 2007.

CLAIRE SEVASTA, B.A. (HONS)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

571

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM AWLA fis-6 ta' Marzu, 2007 fuq rikors ta' BROMFORD IRON & STEEL CO (MED) LIMITED ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 22 ta' Mejju, 2007 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tas-6 ta' Marzu, 2007 li għandu jsir fil-kuriduri ta' dawn il-Qrati tal-fond hawn taħt deskritt.

L-Utile Dominium perpetwu tal-fond numru sittax (16), jismu 'Casa Azzura', Triq il-Qolla, Ħaż-Żebbuġ, Malta, kif soġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' Lm33.00 (€76.87), stmat li jiswa Lm97,000.00 (€225,949).

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 6th March, 2007 on the application of BROMFORD IRON & STEEL CO (MED) LIMITED, Tuesday, 22nd May, 2007 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 6th March, 2007 to be held in the corridors of these Courts of the following property.

The perpetual Utile Dominium of tenement number sixteen, (16), known as 'Casa Azzura', Qolla Street, Żebbuġ, Malta, as being subject to the annual and perpetual groundrent of Lm33.00 (€76.87), valued at Lm97,000.00 (€225,949).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' JIMMY BUGEJA U MARTU JOSEPHINE BUGEJA.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-A.I.C. Frederick Doublet fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fit-22 ta' Jannar, 2007.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-Erbgħa, 11 ta' April, 2007.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The said tenement is the property of JIMMY BUGEJA AND HIS WIFE JOSEPHINE BUGEJA.

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn to by Frederick Doublet, A&CE on 22nd January, 2007.

Registry of the Superior Courts, this Wednesday, 11th April, 2007.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

572

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM AWLA fit-13 ta' April, 2007 fuq rikors ta' SPITERI TILES LTD ġie ffissat il-jum tat-Tnejn, 4 ta' Ġunju, 2007 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet ta' l-4 ta' Jannar, 2007 li għandu jsir f'149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA ta' l-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand RAYMOND BORG.

1. Kitchen cupboard, filing cabinet u ħafna afffarijiet oħra simili, u vettura van Dacia reg. number JAB-642.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ġimgħa, 13 ta' April, 2007.

CLAIRE SEVASTA, B.A. (HONS)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 13th April, 2007 on the application of SPITERI TILES LTD, Monday, 4th June, 2007 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 4th January, 2007 to be held at 149, STRAIT STREET, VALLETTA of the following items seized from the property of RAYMOND BORG.

1. Kitchen cupboard, filing cabinet and lots of other similar items and motor van Dacia with reg. number JAB-642

Registry of the Superior Courts, this Friday, 13th April, 2007.

CLAIRE SEVASTA, B.A. (HONS)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

573

Avviż ai termini ta' l-Artikolu 495A tal-Kodiċi Ċivili

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fl-20 ta' Frar, 2007 mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni Ġenerali ġiet ordnata din il-pubblikazzjoni.

B'rikors ippreżentat fl-1 ta' Diċembru, 2006 fil-Qorti hawn fuq imsemmija minn Giovanna mart Joseph Marquette u oħrajn, Rikors numru 142/2006 (Rikors ai termini ta' l-Artikolu 495A tal-Kodiċi Ċivili) ġiet mitluba l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex is-sehem spettanti lil Bernardette mart Emanuel Custò; Fortun Grima u l-eredi inċerti u mhux magħrufa ta' Saveria, Teresa, Giusepp u Giovanna aħwa Grima, ulied il-mejtin Salvatore u Giuseppa konjugi Grima; u lill-assenti Therese, Marcel u Janu, aħwa ulied il-mejta Lorenza neé Grima mill-fond, jew lok ta' djar bin-numru disgħa u ħamsin (59), Triq ta' Gorf, Xagħra, Għawdex bil-mandretta miegħu annessa u retrostanti, l-intier muri fuq il-pjanta annessa u mmarkata Dokument A; provenjenti mill-wirt tal-mejtin Lorenzo u Maria konjugi Grima; jinbiegħ fit-termini tal-konvenju esebit ma' l-istess rikors .

Notice in terms of article 495A of the Civil Code.

It is hereby notified that by virtue of a decree dated 20th February, 2007 delivered by the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, the Court ordered the following publication:

By virtue of an application filed on the 1st of December, 2006 in the abovementioned Court by Giovanna wife of Joseph Marquette and others, Application number 142/2006 (Application in terms of Article 495A of the Civil Code), the Court was asked to give its authorisation for the sale of the share pertaining to Bernardette wife of Emanuel Custò; Fortun Grima and the uncertain and unknown heirs of Saveria, Teresa, Giusepp and Giovanna children of the late Salvatore and Giuseppa spouses Grima; and the absent Theresa, Marcel and Janu, children of the late Lorenza neé Grima of the premises situated at number fifty nine (59), Gorf Street, Xagħra, Gozo, with an annexed garden at the back, as shown on the annexed document A, originally inherited from Lorenzo and Maria spouses Grima, be sold in terms of the promise of sale agreements exhibited in the records of said application.

Is-sehem totali spettanti lill-persuni hawn fuq indikati huwa ta' 0.186 u s-sehem spettanti lilhom mill-prezz globali ta' Lm30,000 (€69,881.20) huwa għalhekk ta' Lm5,580 (€12,997.90).

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex).

Illum 13 ta' April, 2007.

FRANCIS ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

The total share vesting in the aforementioned persons is 0.186 and their share out of the total price of Lm30,000 (€69,881.20) is therefore Lm5,580 (€12,997.90).

Registry of the Court of Magistrates (Gozo).

This 13th April, 2007.

FRANCIS ATTARD
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

574

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tad-29 ta' Marzu 2007, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Illi permezz ta' taħrika ta' xhud preżentata fis-16 ta' Jannar 2007 fil-kawża fl-ismijiet Joseph Buttigieg et noe vs Alex Bezzina Wettinger Avv. Nru. 1594/04VDG, Alex Bezzina Wettinger ta' 28, Old Railway Road, Birkirkara, għandu jidher fis-26 ta' April 2007 fis-1.00 p.m. quddiem il-Ġudikatur Dott. Veronica Galea Debono biex jixhed in kontro-eżami.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta), illum, 16 ta' April 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 29th March 2007, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of a summons of a witness filed on the 16th January 2007 in the case Joseph Buttigieg et noe vs Alex Bezzina Wettinger Claim Number 1594/04VDG, Alex Bezzina Wettinger of 28, Old Railway Road, Birkirkara has to appear before the Adjudicator Dr Veronica Galea Debono on the 26th April 2007 at 1.30 p.m. to be cross-examined.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 16th April 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

575

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-13 ta' Marzu 2007, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Maltacom plc (C22334) ta' Spencer Hill, il-Marsa, ippreżentaw Talba fis-26 ta' Settembru 2006, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Christopher Agius (ID356971) f'ismu proprju u bħala direttur u għan-nom u in rappreżentanza ta' Triden Global Tours Co Ltd (C31270) ta' 18, Dawret it-Tunnara, il-Mellieħa, sabiex iħallas lis-soċjetà attrici s-somma ta' mitejn u sittin lira Maltija u wieħed u għoxrin ċenteżmu Lm260.21 (€606.13) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (834/06PBC) hija differita għat-2 ta' Mejju 2007 fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta), illum 16 ta' April 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 13th March 2007, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Maltacom plc (C22334) of Spencer Hill, Marsa filed a Claim on the 26th September 2006 whereby they asked the Tribunal to condemn Christopher Agius (ID356971M) in is own name and as director for and on behalf of Triden Global Tours Co Ltd (C31270) of 18, Dawwret it-Tunnara, Mellieħa, to pay the plaintiff company the sum of two hundred and sixty Maltese liri and twenty one cents Lm260.21 (€606.13) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 834/06PBC) is put off on the 2nd May 2007 at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 16th April 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

576

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fil-5 ta' Frar 2007 ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

G & F Meats Limited (C29481) ta' 14/2, Felix Street, Valletta, ippreżentaw talba fit-28 ta' Novembru 2006 fejn talbu lill-Qorti sabiex tikkundanna lil C & K Ciappara Poultry Limited (C11598) ta' Nigma, Triq Misraħ is-Sinjura, il-Qrendi u Charles Ciappara Jnr għal kull interess li jista' jkollu ta' Villino Ciappara, Triq it-Tempesta, il-Qrendi, sabiex iħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' elf, tmien mija u sitta u ħamsin lira Maltija u ħamsa u sebgħin ċenteżmu Lm1,856.75 (€4,325.06) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali.

Il-kawża (Avviż Nru 369/06JAB) hija differita għat-3 ta' Mejju 2007 fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 16 ta' April 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Court of Magistrates (Malta) of the 5th February 2007, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

G & F Meats Limited (C29481) of 14/2, Felix Street, Valletta, filed a Claim on the 28th November 2006, whereby they asked the Court to condemn C & K Ciappara Poultry Limited (C11598) of Nigma, Triq Misraħ is-Sinjura, Qrendi and Charles Ciappara Jnr for any interest he may have of Villino Ciappara, Triq it-Tempesta, Qrendi, to pay the plaintiff company the sum of one thousand eight hundred and fifty six Maltese liri and seventy five cents Lm1,856.75 (€4,325.06) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Notice Number 369/06JAB) is put off to the 3rd May 2007 at 9.00 a.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 16th April 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

577

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti ta' l-Appell permezz ta' digriet mogħti fit-3 ta' April 2007, fl-atti taċ-Ċitazzjoni numru 879/03 FS, fl-ismijiet Kurunell Dr. Raymond Bencini vs Mario Grungo et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-appellat Mario Grungo et, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Ottubru 2006, fl-atti taċ-Ċitazzjoni Numru 879/03 FS, fl-ismijiet Il-Kurunell Dottor Raymond Bencini, Alfrida Naudi, Denise Iuersheri, Laura Spiteri, Mabel Azzopardi Bencini, Grace Aquilina, Angela Bencini, Dottor Austin Bencini, Adrian Bencini, Godwin Bencini, Dottor Leon Bencini, Edward Bencini, Pamela Vikovic, Geoffrey Pisani Bencini, kif ukoll l-istess Adrian Bencini, Edward Bencini, u Geoffrey Pisani Bencini għan-nom u fl-interess ta' Moira Bowland, Marlene Zammi Bonett u ta' Giulietta D' Antonio, Roberto Mifsud u Rodolfo Mifsud, assenti minn dan il-Gżejjer vs Mario, Antoinette mart id-Dentista Dottor Raymond Zammit, Joseph, Jeanine mart Francis sive Frank Sciberras u Jacqueline mart Albert Farrugia aħwa Grungo, l-atturi issottomettew illi:

1. B'ċitazzjoni ppreżentata fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Awissu 2003, wara li ppremettew:

It is hereby notified that the Court of Appeal by means of a decree given on the 3rd April 2007, in the records of the Writ of Summons number 879/03 FS, in the names Colonel Dr. Raymond Bencini vs Mario Grungo et, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent Mario Grungo et, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of an Application filed in the Court of Appeal on the 27th October 2007, in the records of the Writ of Summons Number 879/03 FS, in the names Colonel Dr. Raymond Bencini, Alfrida Naudi, Denise Iueresheri, Laura Spiteri, Mabel Azzopardi Bencini, Grace Aquilina, Angela Bencini, Dr. Austin Bencini, Adrian Bencini, Godwin Bencini, Dr. Leon Bencini, Edward Bencini , Pamela Vikovic, Geoffrey Pisani Bencini, as well as the same Adrian Bencini, Edward Bencini and Geoffrey Pisani Bencini in the name and interest of Moira Bowland, Marlene Zammit Bonett and of Giulietta D' Antonio, Roberto Mifsud and Rodolfo Mifsud, absent from these Islands vs Mario, Antoinette wife of Dentist Dr. Raymond Zammit, Joseph, Jeanine wife of Francis sive Frank Sciberras and Jacqueline wife of Albert Farrugia, brothers and sisters Grungo, the plaintiffs submitted that:

1. By a writ of summons filed in the First Hall Civil Court on the 28th August 2003, after having premised:

Illi l-atturi kienu l-eredi taz-zija tagħhom Lilian Grungo li mietet intestata u bla wlied fit-3 ta' Lulju 1998, Dok. A, B u Ċ u l-konvenuti kienu neputijiet u werrieta ta' Joseph Grungo li miet fit-13 ta' Awissu 1999;

Illi l-awtriċi ta' l-atturi kienet wirtet in-nuda proprjetà esklussiva tal-fond numru ħamsa (5) 'La Fiorentina', fi Triq Lord Strickland, Attard mingħand iz-zija tagħha Beatrice Borg, bid-dritt tat-tgawdija favur iż-żewġ konjugi Grungo;

Illi fit-termini ta' l-Artikolu 633A tal-Kapitolu 16 (Artikolu emendat bl-Att XXI ta' l-1993 (kien ingħata dritt ta' abitazzjoni lis-superstiti mill-konjugi, anke jekk id-dar kienet proprjetà tal-konjugi li ġie nieqes jew nieqsa; mentri d-dritt għall-wirt ta' nofs il-proprjetà tal-mejjet (jew mejta) favur is-superstiti ma jinkludix id-dar soġġetta għad-dritt ta' abitazzjoni mis-superstiti – Artikolu 826 (1) (a) u (b) tal-Kapitolu 16.

Illi illegalment il-konvenuti kienu qed jippretendu li huma kienu proprjetarji ta' nofs indiviż tal-fond, billi jallegaw li l-awtur tagħhom Joseph Grungo wiret dan is-sehem mingħand martu Lilian Grungo, billi din kienet mietet intestata u bla wlied ...Omissis...

Illi l-atturi kienu proprjetarji tal-fond kollu fuq imsemmi u l-konvenuti ma kellhom l-ebda sehem mill-istess proprjetà.

Talbu l-Qorti biex:

Tiddikjara li l-atturi huma l-proprjetarji tal-fond numru 5 'La Fiorentina' fi Triq Lord Strickland, Attard u li l-konvenuti bħala eredi ta' Joseph Grungo m'għandhom l-ebda sehem mill-istess proprjetà

Bl-ispejjeż ...Omissis...

2. Illi l-konvenuti b'nota ta' eċċezzjonijiet ippreżentata fid-29 ta' Jannar 2004 eċċepew:

1. Illi in linea preliminari, il-konvenut Joseph Grungo kien jinsab assenti minn dawn il-Gżejjer ...Omissis...

2. Illi in vista ta' l-assenza ta' l-atturi Moira Bowland, Marlene Zammit Bonett u ta' Giulietta D'Antonio, Roberto Mifsud, kienu jridu jidhru l-prokuraturi tagħhom bħala leġittimi rappreżentanti skond il-liġi.

3. In linea preliminari n-nullità tad-dikjarazzjoni preżentata maċ-ċitazzjoni u konsegwentement l-istess Ċitazzjoni ...Omissis...

4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost l-atturi kienu jridu jippruvaw li huma l-allegati u uniċi eredi ta' Lilian Grungo;

That the plaintiffs where the heirs of their aunt Lilian Grungo who died intestate and without children on the 3rd July 1998, Doc. A, B and C and the defendants are the nephews and heirs of Joseph Grungo who died on the 13th August 1999;

That the predecessor of the plaintiffs had inherited the exclusive bare ownership of the premises number five (5) 'La Fiorentina' in Lord Strickland Street, Attard from her aunt Beatrice Borg, with the right of enjoyment in favour of the two spouses Grungo;

That in terms of Article 633A of Chapter 16 (Article amended by Act XXI of 1993, (the right of habitation to the survivor from the spouses, had been given, even, if the house was the property of the spouse who had died, whilst the right to inherit one-half of the property of the deceased in favour of the survivor did not include the house subject to the right of habitation by the survivor – Article 826 (1) (a) and (b) of Chapter 16.

That illegally the defendants were expecting that they are the owners of one-half of the premises, by alleging that their predecessor Joseph Grungo inherited this share from his wife Lilian Grungo, as the latter had died intestate and with no children ...Omissis...

That the plaintiffs were the owners of all the premises above mentioned and the defendants had no share from the same property.

Asked the Court so that:

It declares that the plaintiffs are the owners of the premises number 5 'La Fiorentina' in Lord Strickland Street, Attard and the defendants as heirs of Joseph Grungo, have no share of the same property.

With costs ...Omissis...

2. That the defendants by a note of pleas filed on the 29th January 2004 pleaded:

1. In the first place the defendant Joseph Grungo was absent from these Islands ...Omissis...

2. That in view of the absence of the plaintiffs Moira Bowland, Marlene Zammit Bonett and of Giulietta D' Antonio, Roberto Mifsud, there mandataries were to appear as the legitimate representatives according to law.

3. In the first place the nullity of the declaration filed with the writ of summons and consequently the same writ of summons ...Omissis...

4. That without prejudice to the above the plaintiffs had to prove that they are the alleged and only heirs of Lilian Grungo;

5. Illi minghajr preġudizzju għas-suespost u fil-meritu t-talba attriċi kienet infondata fil-meritu u fid-dritt u kellha tiġi miċħuda bl-ispejjeż ...Omissis...

6. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

3. Il-kawza ġiet deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili b'sentenza tal-11 ta' Ottubru 2006...Omissis...

4. Illi l-esponenti ħassuhom aggravati minn dina d-deċiżjoni u permezz tal-preżenti qegħdin umilment jappellaw minnha għal quddiem dina l-Onorabbli Qorti;

5. Illi l-punti li taw lok għall-kawża fil-qosor huma s-segwenti:

...Omissis...

6. L-Ewwel-Qorti ddeċidiet il-kawża billi ċaħdet l-eċċezzjonijiet ta' natura preliminari u proċedurali tal-konvenuti, iżda laqgħet l-eċċezzjoni fil-mertu u ddikjarat li l-fond de quo kien jappartjeni, kwantu għan-nofs lil-awtur tal-konvenuti Joseph Grungo ...Omissis...

7. L-aggravji ta' l-esponenti huma ċari u manifesti u jikkonsistu f'dan li ġej:

7.1. L-Ewwel Qorti kienet korretta li tikkummenta li l-Leġislatur bl-emendi ta' l-Att XXI ta' l-1993 ried jassigura d-dritt ta' abitazzjoni lil dak il-konjugi li jibqa' ħaj ...Omissis...

Indubbjament l-għan tal-Leġislatur kien li jipproteġi lis-superstiti milli jiġi żgumbrat mir-residenza.

7.2. Però l-Ewwel Qorti peress li rriżultalha li s-superstiti kellu d-dritt ta' l-użufrutt, dritt superjuri mid-dritt ta' abitazzjoni erronjament ikkonkludiet li l-'Leġislatur ma riedx inaqqas id-drittijiet tas-superstiti dwar proprjetà li jakkwista s-superstiti mal-mewt tal-konjuġi'.

7.3 Bir-rispett kollu dovut din hi sempliċement asserzjoni gratwita la ma tirriżultax mil-liġi.

...Omissis...

7.4 L-Artikolu tal-Liġi hu ċar, u ma jagħti lok għal ebda ekwivoku jew interpretazzjoni.

Is-superstiti, fiċ-ċirkostanzi partikolari li rriżultaw f'dina l-kawża 'ab intestato' wiret nofs il-proprjetà ta' martu iżda minn dan in-nofs hi eskluża d-dar matriminonjali.

8 .1. Anke l-konsiderazzjonijiet magħmula mil-Ewwl Qorti dwar l-Artikolu 633, jiġi umilment sottomess mhumiex legalment korretti.

...Omissis...

5. That without prejudice to the above and on the merit the demand of the plaintiff was unfounded as regards the merit and right and was to be rejected with costs ...Omissis...

6. Saving further pleas.

3. The cause was decided by the First Hall Civil Court on the 11th October 2006 ...Omissis...

4. That the applicants felt aggrieved by this judgement and by means of a decision and by the present are humbly appealing from it before this Honourable Court;

5. That the points which gave rise to this cause are the following:

...Omissis...

6. The Court of First Instance decided the cause by rejecting the pleas of a preliminary and procedural nature of the defendants, but upheld the pleas on the merit and declared that the premises de quo belonged as for one-half to the predecessor of the defendants Joseph Grungo ...Omissis...

7. That the grievances of the applicant are clear and and consist in the following:

7.1. The Court of First Instance was correct to comment that the Legislator by means of the amendments of Act XXI of 1993, wanted to ensure that the right of habitation to the surviving spouse ...Omissis...

Undoubtedly the purpose of the Legislator was to protect the survivor from being evicted from the residence.

7.2. However as it resulted to the Court of First Instance that the survivor had the right of usufruct a superior right than that of habitation erroneously concluded that 'The Legislator did not want to reduce the rights of the survivor regarding property he acquired on the death of the spouses'.

7.3 With all respect due this is simply a gratuitous assertion that does not result from the law.

...Omissis...

7.4 The Article of the Law is clear and does not give rise to any misunderstanding or interpretation.

The survivor, in the particular circumstances which result in this cause 'ab intestato' inherited one half of the property of his wife, but from this half the matrimonial home is excluded.

8.1. Even the considerations made by the Court of First Instance regarding Article 633, it is humbly submitted are not legally correct.

...Omissis...

8.2. Skond l-Ewwel Qorti Joseph Grungo, wiret nofs tal-proprjetà ta' martu mingħajr l-esklużjoni tad-dar matrimonjali, pero skond il-liġi Joseph Grungo wiret in-nofs tal-proprjetà ta' martu b'esklużjoni tad-dar matrimonjali li kienet ir-residenza tagħhom ...Omissis...

9.1 ...Omissis...

A skans ta' ripetizzjonijiet inutili f'dan l-istadju jingħad sempliċement li l-Artikolu 826 tal-Kodiċi Ċivili jikklassifika il-wirt tad-decujus f'żewġ Kategorji:

1) id-dar residenzjali tal-miżżewġin u

2) il-kumplament tal-wirt.

Dwar il-kumplament tal-wirt japplikaw ċerti dispożizzjonijiet b'mod li d-dar residenzjali hi trattata bħala distinta u separata mill-bqija tal-wirt.

9.2. Dan jikkonferma li l-Leġislatur ried jirregola d-dar residenzjali tal-miżżewġin b'mod differenti u separat mill-mod kif inhu regolat l-bqija tal-wirt b'dan li s-superstiti jkollu l-użu tad-dar imma mhux nofs il-proprjetà tagħha, mentri dwar il-kumplament jiret n-nofs.

...Omissis...

Skond l-Artikolu 826(1) id-dar residenzjali hi eskluża mill-kumplament tal-wirt, billi ngħatat trattament speċifiku, bil-kreazzjoni ta' dritt ta' abitazzjoni tas-superstiti.

Għaldaqstant l-esponenti in vista tal-premess fil-waqt li jagħmlu riferenza għall-provi ġa prodotti u jirriżervaw li jipproduċu dawk produċibbli f' dan l-istadju, jitolbu bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghġobha tirriform d-deċiżjoni tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili tal-11 ta' Ottubru 2006, fil-kawża fl-ismijiet 'Kurunell Dottor Raymond Bencini et vs Mario Grungo et ', Ċitazzjoni Numru 879/03 FS, billi jiġu miċħuda l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti u tiġi milqugħa t-talba attriċi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti appellati.

Konvenuti Appellati: 128/3, St. Helen Street, Sliema.

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli), illum 16 ta' April 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

8.2 According to the Court of First Instance Joseph Grungo, inherited one half of the property of his wife without the exclusion of the matrimonial home, however according to law, Joseph Grungo inherited one half of the property of his wife, excluding the matrimonial home which was their residence...Omissis...

9.1. ...Omissis...

In order to avoid useless repetition at this stage it is simply stated that Article 826 of the Civil Code classifies the estate of the decujus in two Categories:

1) the residential home of the spouses and

2) the rest of the estate.

As regard the rest of the estate, there apply certain provisions in such a manner that the residential home is separately and distinctly considered from the rest of the inheritance.

9.2. This confirms that the Legislator wanted to regulate the residential home of the spouses in a different and separate manner than the rest of the inheritance is such a manner as the survivor shall have the use of the house, but not half its ownbership, whilst as regards the rests he inherits one-half.

...Omissis...

According to Article 826(1) the residential home is excluded from the rest of the estate, as it was specially regulated, by the creation of a right habitation for the survivor.

Thus the applicant in view of the premised whilst referring to the proof already produced and reserving to bring forward those that can be brought forward at this stage, pleads with respect that this Honourable Court reforms the decision of the First Hall Civil Court of the 11th October 2006, in the cause in the names Colonel Dr. Raymond Bencini et vs Mario Grungo et' Writ of Summons Number 879/03 FS, by rejecting all the pleas of the defendants and upholding the demand of the plaintiff, with costs of both instances against the respondent defendants.

Respondent Defendants: 128/ 3, St Helen Street, Sliema.

Registry of the Superior Courts (Appeals), today 16th April 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

L-ammonti bl-ewro huma bbażati fuq ir-rata ta' €1=Lm0.429300 u huma għal użu ta' informazzjoni biss
Values displayed in euro are based on the rate of €1=Lm0.429300 and are for information purposes only

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugh fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*